

31995L0033

18.7.1995

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 167/17

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 95/33/KEE**ta' l-10 ta' Lulju 1995****li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE li tirrigwarda ċerti prodotti użati fin-nutriment ta' l-annimali****(Test b'relevanza għall-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

L-Artikolu 2

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 82/471/KEE tat-30 ta' Ġunju 1982 dwar ċerti prodotti użati fin-nutriment ta' l-annimali ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata mill-Att ta' l-Addizzjoni ta' l-Awstrija, il-Fillandja u l-Isvezja, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 tagħha,

Billi d-Direttiva 82/471/KEE tipprovdi għal emendi regolari tal-kontenut ta' l-Anness b'risultat ta' żviluppi fl-għarfien xjentifiku jew tekniku;

Billi l-istudju ta' prodott ġdid li jappartjeni għall-grupp ta' prodotti tal-proteina miksuba minn mikro-organismi, f'dan il-kas mill-bakterja, wera effett benefiċjali fil-ħnieżer, fl-għoġġiela u fis-salamun; billi l-awtorizzazzjoni għall-użu ta' dan il-prodott fin-nutriment ta' l-annimali għandha għalhekk titħalla taħt ċerti kundizzjonijiet;

Billi, għal raġunijiet tekniċi ta' produzzjoni, il-konċentrazzjoni minima tal-likwidu kkonċentrat lisin awtorizzata trid tiġi emendata;

Billi l-Kumitat Xjentifiku għan-Nutriment ta' l-Annimali u l-Kumitat Xjentifiku għall-ikel ħareġ opinjoni dwar l-użu tal-prodotti ta' proteina ta' fermentazzjoni minn gass naturali miksub permezz tal-kultura ta' *Metilokokkus kapsulatus (Bath)*, *Alkaligenesacidovorans*, *Bacillusbrevis* u *Bacillusfirmus*;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Direttiva huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar l-Għalf tal-Bhejjem,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Anness tad-Direttiva 82/471/KEE huwa emendat kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva sat-30 ta' Ġunju 1996 l-aktar tard. Huma għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni minnufih dwar dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-disposizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'din ir-referenza fil-ħin tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-proċedura għal din ir-referenza għandha tkun adottata mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-disposizzjonijiet ewlenija tal-liġi domestika li huma jadottaw fil-qasam irregolat minn din id-Direttiva.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

L-Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, 10 ta' Lulju 1995.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

⁽¹⁾ ĠU Nru L 213, 21.7.1982, p. 8.

ANNEX

1. Fil-grupp 1.1 “Bakterja”, il-grupp ta’ prodotti u l- prodotti li ġejjin huma miżjuda:

1	2	3	4	5	6	7
L-isem tal-grupp tal-prodotti	L-isem tal-prodott	Deskrizzjoni tal-prinċipju nutrittiv jew l-identità tal-mikro-organismu	Substrat tal-kultura (speċifikazzjonijiet, jekk dawn jeżistu)	Karatteristiċi tal-kompożizzjoni tal-prodott	Speċi ta’ l-annimali	Disposizzjonijiet speċjali
“1.1.2. Koltivazzjoni ta’ baktirja fuq gass naturali	1.1.2.1 prodott ta’ proteina ta’ fermentazzjoni minn gass naturali miksuba permezz tal-koltivazzjoni ta’ <i>Metilokokkus kapsulatus</i> (Bath), <i>Alkaligenes acidovorans</i> , <i>Bacillus brevis</i> et <i>Bacillus firmus</i> , u ċ-ċelluli li jkunu ġew maqtula	<i>Metilokokkus capsulatus</i> (Bath) silta NCIMB 11132 <i>Alkaligenes acidovorans</i> silta NCIMB 12387 <i>Bacillus brevis</i> razza NCIMB 13288 <i>Bacillus firmus</i> silta NCIMB 13280	Gass naturali: (bejn wieħed u ieħor 91 % methane, 5 % ethane, 2 % propane, 0,5 % isobutane, 0,5 % n-butane 1 % komponenti oħrajn), ammonja, imluħa minerali	Proteina mhux raffinata: min 65 %	— Ħnieżer għas-simna minn 25 sa 60 kg — Għoġġiela minn 80 kg ‘il fuq — salmonid	Dikjarazzjonijiet li jridu jsiru fuq it-tikketta jew fuq l-ippakkjar tal-prodott: — l-isem: — ‘Prodott ta’ proteina ta’ fermentazzjoni minn gass naturali miksub mill-koltivazzjoni ta’ <i>Metilokokkus capsulatus</i> (Bath), <i>Alkaligenes acidovorans</i> , <i>Bacillus brevis</i> u <i>Bacillus firmus</i> ,’ — proteina mhux raffinata — irmied mhux raffinat — xaħam mhux raffinat — kontenut ta’ umdià — struzzjonijiet għall-użu — rata ta’ inkorporazzjoni massima fl-għalf: — 8 % ħnieżer għas-simna — 8 % għoġġiela — 19 % salamun (ta’ l- ilma ħelu) — 33 % salamun (ta’ l-ilma baħar) Dikjarazzjonijiet li jridu jsiru fuq it-tikketta jew fuq l-ippakkjar tal-prodott: — l-isem: ‘Prodott tal-proteina miksub permezz ta’ fermentazzjoni ta’ baktirja naturali’ — l-ammont tal-prodotti li jkunu jinsabu fl-għalf ta’ l-annimali”

2. Fil-grupp 3 “Aċidi amino u l-imluħa tagħhom”, fil-grupp 3.2 “Lysine”, id-dettal 3.2.2 “L-lisin ikkonċentrat likwidu (bażiku)”, it-test tal-kolonna 5 huwa mibdul bit-test li ġej: “L-lisin: min. 50 %”.